

PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.4900 — Solvay/Sibur/JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/C 96/11)

1. Fid-9 ta' April 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża SolVin GmbH & Co. KG, li jiffrumaw parti mill-grupp Solvay ("SolVin", il-Ġermanja), u OJSC Sibur Holding, li tiffirma parti mill-grupp Gazfond ("Sibur", ir-Russja) jakkwistaw, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża OOO RusVinyl ("il-JV", Russja), permezz tax-xiri ta' ishma, f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriża kkonċernati huma:

- għal SolVin: produzzjoni ta' vinili,
- għal Sibur: produzzjoni ta' prodotti petrokimiċi,
- għal-JV: produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' soda kawstika u l-klorur tal-polivinil.

3. Wara eżaminazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċizzjoni finali dwar dan il-punt hija riservata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottomettu l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (faks nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4900 — Solvay/Sibur/JV, l-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussell

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.